MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1803/1999/1

**Pauline mart Joseph Mizzi u l-istess Joseph Mizzi ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Concetta Key, Joseph Galea, Emanuela sive Lily mart Romeo Busuttil u b'nota tat-28 ta' Gunju, 2000, Emanuel Gauci assuma l-atti f'isem l-assenti Joseph Gauci bhala mandatarju generali tieghu skond prokura annessa ma' att pubbliku tan-Nutar Peter Fleri Soler datat 30 ta' Gunju, 1999.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni ipprezentata fis-6 ta' Awissu, 1999, l-atturi, wara li ippremettew illi b'sentenza datata 29 ta' Frar, 1996 fl-ismijiet "Pauline mart Joseph Mizzi kontra Concetta Key u Joseph Galea kif ukoll Av. Anthony Rutter Giappone u P.L. Charles Vassallo li b'digriet tat-2 ta' Frar, 1982, gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Emanuela sive Lily mart Romeo Busuttil" (Cit. Numru 65/82JSP) il-partijiet kellhom jaddivjenu ghall-kuntratt ta' divizjoni quddiem in-Nutar Gerald Spiteri Maempel;

Illi fis-26 ta' Marzu 1996, l-atturi flimkien mal-konvenuta Concetta Key kienu dahlu f'konvenju fejn permezz tieghu l-istess konvenuta Concetta Key kienet qablet li titrasferixxi bicca mill-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Hawli" li giet lilha assenjata in virtu` ta' l-imsemmija sentenza lill-atturi li min-naha taghhom kienu qablu li jhallsu s-somma ta' erba' mija u wiehed liri Maltin (Lm401) indikata bhala ekwiparazzjoni u dana bhala prezz ta' din l-art liema konvenju huwa mertu ta' kawza fl-ismijiet "Pauline Mizzi mart Joseph Mizzi u l-istess Joseph Mizzi kontra Concetta Key" (Cit. Num. 807/97RCP);

Illi minkejja dan, l-istess konvenuti fit-30 ta' Gunju, 1999, dahlu f'kuntratt li permezz tieghu saret id-divizjoni ta' l-assi msemmija fis-sentenza datata 29 ta' Frar, 1996;

Illi l-imsemmi kuntratt ma sarx ai termini tas-sentenza hawn fuq indikata u dan ghaliex a) sar quddiem in-Nutar Peter Fleri Soleri u mhux quddiem in-Nutar Gerald Spiteri Maempel kif kien deciz fis-sentenza u b) il-porzjonijiet assenjati lill-atturi u lill-konvenuta Emanuela Busuttil ma gewx divizi tajjeb u dana billi minflok li l-post numru 1 RoseMarie, St Edwards Street, Vittoriosa, gie assenjat lill-konvenuta Emanuela Busuttil u l-flat 2, Marie Rose, St Edwards Street, Vittoriosa lill-attrici dawn gew assenjati bil-maqlub u l-kuratur li deher ghall-atturi accetta l-hlas tas-somma ta' erba' mija u wiehed liri Maltin (Lm401) minghand il-konvenuta Concetta Key ghas-saldu tal-

pretensjonijiet taghhom minghajr ebda forma ta’ riserva ghad-drittijiet ta’ l-atturi kif jirrizultaw mill-kawza attwalment pendenti u dan bi pregudizzju ulterjuri ghall-istess atturi;

Premess dan kollu l-atturi talbu lill-Prim Awla l-ewwel li tiddikjara li l-kuntratt datat 30 ta’ Gunju, 1999, fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler huwa null u minghajr effett ghall-effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 987 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan ghaliex ma sarx skond is-sentenza datata 29 ta’ Frar, 1996, fl-ismijiet “Pauline Mizzi mart Joseph Mizzi kontra Concetta Key et”, ghax il-partijiet kellhom jaddivjenu ghall-kuntratt ta’ divizjoni quddiem in-Nutar Gerald Spiteri Maempel; u t-tieni tordna r-rexxissjoni ta’ l-istess kuntratt datat 30 ta’ Gunju, 1999, fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler bl-ispejjez;  bl-imghax u b’riserva ta’ azzjoni ghad-danni inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2.  Il-konvenuti eccepew li l-atturi qed jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt ta’ divizjoni imsemmi billi l-kuntratt ta’ divizjoni tat-30 ta’ Gunju, 1999, gie pubblikat min-nutar Peter Fleri Soler u mhux min-nutar Gerald Spiteri Maempel li kien gie nominat fis-sentenza citata mill-atturi; li preliminarjament ghalhekk il-premessi l-ohra akkampati mill-attrici fic-citazzjoni huma kompletament irrilevanti ghaliex l-attrici ma talbitx r-rexxissjoni a bazi taghhom imma biss li l-kuntratt ma giex pubblikat min-nutar Spiteri Maempel. Ghalhekk, dawn il-premessi ghandhom jithassru u jigu kancellati mill-atti.  Fil-meritu eccepew li t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex in-nutar Peter Fleri Soler gie nominat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili in sostituzzjoni tan-nutar Gerald Spiteri Maempel b’digriet tal-11 ta’ Jannar, 1999, u l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ divizjoni mill-imsemmi nutar Peter Fleri Soleri fid-data u hin indikati kif giet ordnata mill-istess Prim Awla b’digriet ta’ l-10 ta’ Gunju, 1999, liema digriet gie regolarment notifikat lill-atturi b’zewg ittri ufficjali datati rispettivament 23 u 25 ta’ Gunju, 1999.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Ottubru, 2001, fl-ismijiet premessi dik il-Qorti iddecidiet billi cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

## L-APPELL TA’ L-ATTURI

4. L-atturi appellaw mis-sentenza surriferit fuq l-aggravji segwenti:
L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ma tatx wisq piz ghall-gravita` tal-kaz odjern. Dan qieghed jigi sottomess ghax huwa sewwa meta parti ma tridx tattendi ghall-kuntratt wara sentenza ta’ dawn il-Qrati li l-kuratur deputat irid iwettaq id-dmir odjuz li jkun hemm jirraprezenta lil min ma jafx. Izda meta l-kuratur ikun jaf il-partijiet ikun ukoll l-konsulent legali ta’ parti minnhom kif ukoll ikun huwa stess il-promotur ta’ diversi rikorsi u ittri ufficjali allura l-kwistjoni tinqaleb xi ftit. L-istess jinghad u aktar gravement li l-konsulenti legali ta’ l-atturi odjerni ma jigux b’xi mod mgharfa x’qed jigri, isiru rikorsi u inspjegabilment in-nutar li ghandu jircievi l-atti jinbidel, isiru zewg appuntamenti ohra u ittri ufficjali li jindikaw biss li hemm digrieti annessi minghajr ma jkun hemm kopja tad-digrieti notifikati. Mhux biss dan izda aktar u aktar gravi huwa li l-atturi kienu dahlu f’konvenju ghal bejgh ta’ partijiet mill-istess assi tad-divizjoni u drittijiethom jigu impregudikati tant li jiffirma l-kuratur deputat qisu ma ghandhomx pregudizzju ghas-saldu u mhux biss izda lanqas l-ishma tal-wirt ma gew indikati tajjeb fl-istess kuntratt u nqalbu u dan dejjem taht is-sorveljanza tal-kuratur deputat nominat.

Wiehed jifhem l-odjozita` ta’ dak sollevat mill-esponenti li huwa kollu dokumentat u minnu. Jidher car daqs id-dawl tax-xemx izda l-ewwel Qorti bl-intenzjonijiet l-aktar tajba tiddeciedi li huwa biss kaz ta’ rettifika. Bir-rispett kollu tant l-kwistjoni hija ta’ pregudizzju lill-esponenti li l-konvenuta Key wara dan ovvjament irrifjuta li tidhol fil-kuntratt pubbliku li kienet intrabtet li taghmel u twieldu numru ta’ kawzi dana kollu minhabba l-bulldozing bla sens. Agir li flok naqqas l-atrit [recte: attrit] ha hsieb izidhom [recte: izidu]. Dan huwa zball mill-akbar u ghalhekk ma kienx hemm fic-cert il-kunsens ta’ din in-naha ahseb u ara l-elementi l-ohra essenzjali ghal kuntratt pubbliku. Ghax

wiehed jissottometti li ghandu jkun hemm qbil li altru meta qeghdha tidher l-parti u altru meta qed jidher kuratur deputat. Il-grad ta' diligenza necessarja jikber aktar u aktar minn dak tas-semplici mandatarju u prokuratur. Hemm il-kuratur li ghandu d-dmir li jara li d-drittijiet tal-partijiet ma jigux lezi b'mod partikolari dik ta' l-atturi. Ghax wiehed irid jghid x'kien li mexxa b'dan il-mod daqshekk veloci l-imsemmi (sic) minghajr ma anqas ma ikkonsulta ruhu u ra jekk il-gurnata minnu maghzula ghall-kuntratt kienitx tajba jew le?

Bir-rispett lejn l-ewwel Qorti s-sentenza moghtija ma tidholx fil-fond f'dawn il-problemi legali u ghalhekk hemm bzonn ta' dan l-appell. Bir-rispett kollu din tista tikkostitwixxi precedent perikoluz li l-esponenti umilment ihossu li jimmilita kompletament il-kontra tas-sistema legali shiha taghna. Ma ghandux ikun hemm sentenza tal-Qorti li tissanzjona u ssostni dan l-agir zbaljat anzi li ghandha ticcensurah. Ticcensurah f'kull kaz simili aktar u aktar fl-odjern bil-fatti specie partikolari u inkwetanti tieghu.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru, 2001, billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

5. Il-konvenuti appellati wiegbu hekk:
Illi s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-11 ta' Ottubru, 2001, hi gusta u timmerita konferma.

L-esponenti jaghmel piena riferenza ghas-sentenza ta' l-ewwel Qorti kif ukoll ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta Concetta Key li flimkien ma jhallu ebda dubju dwar il-legalita` ta' dak li sar, u dan a skans ta' ripetizzjoni inutili.

Tant hu hekk illi l-petizzjoni ta' l-appell ta' l-atturi ma fiha ebda bazi izda biss tentattiv biex flok jiggustifika 'l bzonn

ta' petizzjoni ta' appell, jippruvaw joskuraw l-operat tal-kuratur nominat fis-sentenza tad-divizjoni li ma rrizultalu xejn illegali fl-operat tieghu.

Il-Qorti fehmet tajjeb illi din il-kawza saret minn wahda mill-kondividendi tad-divizjoni gudizzjarja ta' l-eredita` sabiex b'kull mod tostakola l-kuntratt tad-divizjoni ordnat mill-Qorti, kuntratt li nonostante t-tfixkil sar, u sar fil-parametri ordnati mil-ligi u b'mod miftuh minghajr ebda habi jew dell ta' ingustizzja.

Jekk hemm lok ta' censura, huma l-atturi li ghandhom jigu censurati li nonostante ordni tal-Qorti, ordni li giet effettwata skond il-precetti tal-ligi, ghadhom qed jippruvaw jostakolawh minghajr dritt jew bazi legali.

Ghalhekk is-sentenza appellata timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Dan l-appell jirreferi ghall-kawza maghrufa bhala l-*<u>actio familiae erciscundae</u>* li giet deciza b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Frar 1996 wara li kienet giet istitwita fl-1982. F'din il-vertenza kien hemm fl-assi tal-mejtin Giovanni u Rosina, konjugi Zarb, awturi u genituri ta' xi whud mill-kontendenti, kemm assi mobbli kif ukoll immobbli. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ddecidiet dwar kif ghandu jsir il-pjan ta' qasma bejn il-werrieta kondividendi. Jirrizulta li f'dan il-pjan, dik il-Qorti fil-maggor parti segwiet is-suggerimenti tal-perit legali nominat minnha pero` ghamlet xi tibdiliet. Oltre dan stabbiliet ukoll, u kif kienet giet mitluba, il-modalitajiet ta' l-att ta' divizjoni u indikat isem in-nutar li kellu eventwalment jirredigi u jippubblika l-att notarili li kien mehtieg li jsir bil-ligi, trattandosi ta' assi immobbli. Il-Qorti hatret inoltre lill-Avukat Dottor Marco Grixti bhala kuratur deputat ghall-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt – kollox kif solitament isir fi proceduri gudizzjarji ta' din ix-xorta.

7. Jirrizulta li n-nutar originarjament nominat mill-Qorti, jigifieri Dottor Gerald Spiteri Maempel, ha aktar zmien milli

previst biex jespleta l-inkarigu lilu moghti. L-appellati allura intavolaw rikors biex dan jigi sostitwit u din it-talba giet akkordata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex floku gie mbaghad nominat in-Nutar Peter Fleri Soler. Il-kuntratt sar izda billi l-atturi appellanti naqsu milli jidhru ghall-fini ta' pubblikazzjoni, ghalihom deher l-Avukat Grixti bhala kuratur deputat ghall-assenti. Dan sar fit-30 ta' Gunju 1999.

8. L-atturi appellanti intavolaw il-kawza in ezami u fiha talbu dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens li dan il-kuntratt tat-30 ta' Gunju 1999 "huwa null u minghajr effett" u dan skond l-Artikolu 987 tal-Kap. 16 u bhala raguni ohra semmew ukoll li l-kuntratt ma sarx skond is-sentenza datata 29 ta' Frar 1996 surreferita. Talbu inoltre ir-rexxissjoni ta' l-istess kuntratt.

L-ewwel Qorti cahdet dawn it-talbiet ta' l-atturi u l-atturi qeghdin jappellaw minn din is-sentenza.

9. L-aggravji ta' l-atturi appellanti jistghu in succint jingabru fis-segwenti, jigifieri:

(i) li l-ewwel Qorti "ma tatx piz ghas-sitwazzjoni gravi" li jghidu li nholqot bil-fatt li l-kuratur nominat mill-Qorti kien mhux biss qieghed jirraprezenta nies li ma jafx imma kien "ukoll il-konsulent legali ta' parti minnhom";

(ii) li saru rikorsi mill-kontroparti u l-atturi lanqas biss ikunu jafu bihom;

(iii) li l-kuratur Dr. Marco Grixti li deher flokhom ma tax kaz ghall-fatt li huma kienu dahlu f'konvenju separat ghall-partijiet mill-istess assi tal-qasma u b'hekk huwa ppregudikalhom drittijiet spettanti lilhom, minbarra li lanqas biss ma nduna li l-ishma tal-wirt gew indikati hazin u nqalbu fil-kuntratt impunjat;

(iv) li l-kaz ghalhekk ma kienx sempliciment wiehed ta' rettifika, kif gie ritenut mill-ewwel Qorti, billi l-pregudizzji li nholqu ghalihom b'dak li gara kien tant gravi li minhabba fihom tnisslu proceduri gudizzjarji ohrajn bejn il-kontendenti.

10. Din il-Qorti, ghalkemm ippruvat tissintetizza l-aggravji ta' l-atturi kif setghet ikollha tistqarr li dan l-ezercizzju ma kienx facli ghaliha.

Ir-raguni ghal din id-diffikulta` gejja mill-fatt li, bir-rispett kollu, l-aggravji fl-appell huma riportati b'mod mill-izjed konfuzjonarju. L-atturi la jafu jekk ghandhomx proprjament jillamentaw mill-*modus operandi* ta' l-ewwel Qorti, la jekk ghandhomx jikkritikaw il-fatt li l-konvenuti ghamlu l-almu taghhom biex dak li nghatalhom mill-Qorti jsehh tempestivament; u lanqas ghandhomx iwahhlu kollox f'nuqqas ta' attenzjoni u diligenza professjonali min-naha tal-kuratur deputat nominat mill-Qorti. Rinfaccjati b'dan kollu, l-appellanti jaddossaw dawn il-lanjanzi kollha flimkien u daqqa jakkampaw l-argument fuq naha u daqqa jispustawh fuq naha ohra.

11. Jinghad mill-ewwel li din il-Qorti ma giet u ma tinsab impressjonata bl-ebda mod minn dak li l-atturi ppruvaw jelaboraw dwaru fir-rikors ta' appell biex jikkonvincu lill-Qorti li hawn si tratta ta' kuntratt vizzjat li jisthoqqlu jigi annullat.

12. Minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta li, fl-ewwel lok, is-sostituzzjoni tan-nutar originarjament nominat biex jippublika l-kuntratt ta' divizjoni saret wara talba b'rikors *ad hoc* u ad istanza ta' parti interessata. Bil-fatt li flok nutar X, deher nutar Y, fuq ordni tal-Qorti u ghalhekk debitament awtorizzat biex jaghmel hekk, ma nholoq ebda pregudizzju lill-atturi. Minbarra dan, u kif tajjeb gie osservat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-ewwel sentenza li ordnat li ssir il-qasma, jigifieri s-sentenza moghtija fid-29 ta' Frar 1996, kienet ordnat sempliciment li l-att notarili kellu jsir "f'jum, hin u lok illi jigi minn din il-Qorti determinat fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet". Fil-fatt hekk jidher li gara. Anzi, l-konvenuta Concetta Key marret oltre minn daqstant u hadet il-briga li tibghat zewg ittri ufficcjali lill-partijiet l-ohra fil-kawza biex tinfurmahom bid-digriet li kien inghata mill-Qorti dwar il-pubblikazzjoni ta' l-att notarili. Jidher wisq evidenti li l-atturi ma dehrux fuq dan il-kuntratt *de quo* mhux verament ghaliex ma kienux

konsapevoli ta' dak li kien ghaddej imma l-ghaliex huma ma riedux li l-kuntratt ordnat mill-Qorti jigi finalizzat. Kien biss ghalhekk li huma ma dehrux dakinhar tal-kuntratt. Jekk tassew kien hemm xi "nuqqasijiet gravi" da parti tal-kuratur, dawn ma johorgux mill-atti li ezaminat din il-Qorti u ghalhekk *se mai* jispetta lill-atturi li jekk jidhrilhom opportun, pero` fi procedura ohra separata minn din, imexxu kontrih skond il-ligi.

13. Fl-ahharnett, jekk sehh zball f'dettall fil-kuntratt *de quo* li jista' jigi rettifikat ma jfissirx li b'daqshekk ghandu jigi annullat l-kuntratt ta' divizjoni interament u jsir kollox *ab ovo*, imma jkun bizzejjed li ssir debita rettifika ta' l-izball bl-adezjoni tal-partijiet kollha interessati – kif effettivament gie ritenut mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti ezaminat sew l-aggravji ta' l-atturi fid-dawl ta' dak li qieset u ddecidiet il-Qorti ta' l-ewwel grad u jidhrilha li dak kollu li gie finalment deciz minn dik il-Qorti kien gust u korrett. Ghalhekk ifisser li l-aggravji ta' l-atturi appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------